KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 05

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 19 ta' Settembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 04

5.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tar-raba' laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

5.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 5.3 Punti li joħorġu mill-minuti

5.3.1 4.3.2.3 Talba imressqa mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia rigward parkeġġ fejn il-kappella ta' San Pietru

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta fuq il-kaxxa s- safra tas-sorijiet tal-kunvent ta' San Pietru. Is-Sindku qal li mar fuq il-post jitawwal u anke ser jagħmel appuntament fuq dan mal-Madre.

5.3.2 4.6.2.5 Proġett ta' pond żgħir fil-Ġnien tal-Mirakli

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand dak is-sinjur li kien ser jagħmel proġett żgħir bi *pond* fil-ġnien tal-Mirakli. Is-Sindku qal li sar kuntatt ma' dan is-sinjur u fil-jiem li ġejjien ser isir appuntament miegħu.

5.3.3 4.6.11.3 Ħwat fi Triq il-Knisja

Rigward il-ħwat ta' Triq il-Knisja, is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija ċċekjat kemm ma' Atrium u Homemate u rat xi ħwat għandhom. Hija qalet li l-homemate għandu ħwat sbieħ u moderni qishom tal-*mosaic* u tal-parir li l-kunsill jagħti daqqa ta'għajn lejn dawn il-ħwat minn fuq il-*website* tal-Homemate. Iżda s-Sindku qal li rigward dawn il-ħwat l-aħjar li jiġi xi ħadd, xi *planner* li jifhem u li jista jagħti parir ta' x'tip ta' ħwat jistgħu jsiru.

5.3.4 4.6.15.3 Restawr tat-Torri Belvedere

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fiex wasal il-proċess tar-restawr tat-Torri Belvedere u meta ser jibda dan ir-restawr. Is-Sindku spejga kif huwa kemm il-darba prova jċempel lil MTA u jkellem lil persuna nkarigata fuq dan il-proġett pero sfortunatament din mhux twieġeb lura. Is-Sur Dalli żied jgħid li huwa ser jibqa jippersisti biex jagħmel kuntatt mal-MTA.

5.3.5 4.10.13 Proposta biex il-*pitch* li hemm fil-Ġnien Rirkeattiv jintuża mill-klabb tal-Futbol ta' Ħal Lija

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk kienx hemm risposta rigward kif baqaw tal-futbol fuq il-*ground/pitch*. Is-Sinku qal li dan huwa punt li ser jitkellem fuqu dalwaqt, parti mill-komunikazzjoni tas-Sindku.

5.3.6 4.12.1 *Cigarette/gum Bins*

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf jekk il-kunsill irnexxilux jitkellem mar-Reġjun Ċentru biex jakwista aktar *cigaratte/gum bins*. Kemm is-sindku u kif ukoll is-segretarju eżekuttiv infurmawha li mhux ser jingħataw aktar *cigarette/gum bins* u dik kienet xi ħaġa ta' darba.

5.3.7 4.10.5.1 Konok Vojta fi Vjal it-Trasfigurazzjoni

Il-Viċi Sindku Daniel Mallia, għamel rimarka żgħira rigward il-konok vojta li hemm fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-idea li fihom dawn jinżeraw siġar tal-larinġ. Huwa qal li tagħmel sens li jinżeraw is-siġar tal-larinġ fejn hemm il-vojt peress li Ħal Lija magħrufha għal dan. Iżda huwa żied jgħid ukoll li jaf tintilef is-simetrija tat-triq jekk ikun hemm ftit mill-konok bil-larinġ u l-kumplament bl-*oleanders*. Is-Sindku rrispondih fejn qal li fil-futur is-siġar kollha tal-*oleanders* iridu jitneħħew bilmod il-mod għax dawk huma perikoluzi għas-saħħa. Minkejja dan il-Kunsill mhux ser joqtolhom l-*oleanders* u ser ibiddilhom ftit ftit meta dawn jibdew imutu. Is-Sindku tal-idea li

qabel ma jsir xi tibdil il-kunsill għandu jieħu parir mingħand espert li jifhem fil-ħdura u s-siġar.

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.4.1.1 Is-Sindku qal li huwa flimkien mas-Segrtarju Eżekuttiv, riċenti ltaqgħaw ma' żewġ rappreżentanti mil-*Lands Department*. Dan biex l-ewwelnett jiġi ċċarat jekk il-ġonna, il-Ġnien Rikreattiv u l-Ġnien tal-Mirakli, mhux devoluti lil kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie nnotifikat li kull ma għandu devolut bħala propjeta huma t-Torri u l-Mitħna. Ma hemm xejn devolut lil Kunsill rigward ġonna, biss minkejja dan is-Sindku qal li l-liġi tgħid li l-kunsill dejjem responsabbli li tal-manutenzjoni u t-tisbieħ tal-ġonna.

5.4.1.2 Hawnhekk is-Sindku reġgħa spejga kif il-ġnien ċentru rikreattiv jinsab vera fi stat diżastruż u l-Kunsill ma jiflaħx għall-ispejjes li hemm biex dan jiġi rranġat, irrelevanti jekk mhux devolut lilu jew le. Għalhekk aktar u aktar kif il-kunsill sar jaf li l-ġnien mhux devolut lilu, huwa talab lil *Lands Department* għal l-għajnuna bil-manutenzjoni tal-ġnien. Is-Sindku kien ta' l-idea li l-*lands department* tista toffri l-għajnuna tagħha b'permezz ta' *embellishment,* iżda dan mhux minnu u meta s-Sindku ressaq din it-talba, l-*Lands Department* qalet li mhux possibli jingħata *embellishment*.

**Il-Ħin bħalissa kien 5:15pm meta wasal il-Kunsillier Is-Sur Joseph Zahra.**

5.4.1.3 *Il-Lands Department* issuġġerit li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-*public works department* u jitlob għal għajnuna tagħhom rigward il-manutenzjoni meħtieġa fil-ġnien. Għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt rigward dan mal-*public works*.

5.4.1.4 Is-Sindku kompli jgħid kif waqt din il-laqgħa saret anke klarifika fuq id-devoluzzjoni tal-*pitch* li hemm fil-ġnien ċentru rikreattiv maġenb il-*playarea*. Din il-klarifika kienet importanti li ssir minħabba t-talba li saret fuq l-użu tal-*pitch* mingħand tal-futbol klabb u s-Sindku propju spejga din it-talba fit-tul liż-żewġ rappreżentanti tal-*Lands Department*. Hawnhekk il-Kunsill reġgħa ġie nnotifikat li ta' dan il-*pitch* ukoll m'għandhux devoluzzjoni minkejja li jrid jieħu ħsieb tal-manutenzjoni tiegħu. Lanqas jekk il-Kunsill jitlob għal devoluzzjoni ta' dan il-*pitch*, dan mhux possibli għaliex kull propjeta li għandha x'taqsam ma' l-isport tiġi devoluta lil *Sports Malta* biss u mhux lil Kunsill Lokali.

5.4.1.5 Jekk il-Kunsill Lokali jixtieq li jakwista dan l-*pitch* biex umbgħad ikunu jistgħu jużawh il-futbol klabb, ir-rappreżentanti tal-*lands department* spjegaw kif hemm żewġ alternattivi li jistgħu jiġu addattati. L-ewwel alternattiva hija li l-*lands department* tagħti dan il-*pitch* lil *Sports Malta* umbgħad *Sports Malta* li tagħmel huwa li tikrih lil kunsill lokali / futbol klabb biex isir użu minnu mill-klabb tal-futbol.

5.4.1.6 It-tieni alternattiva hija li dan il-*pitch* jiġi mgħoddi lil Kunsill Lokali mingħand il-*lands department* b'permezz ta' *encroachment* li jista jiġġedded kull sena.

5.4.1.7 Is-Sindku qal li huwa diġa ukoll iltaqgħa mas- Sur Sant ,il-president tal-*Foundation of Tomorrow's schools*, fejn flimkien ddiskutew dawn iż-żewġ alternattivi. Is-Sur Sant ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn iż-żewġ alternattivi u hu lest jaħdem id' fid mal-kunsill irrelevanti għal l-alternattiva li bi ħsiebu jadotta.

5.4.1.8 Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-*pitch* għandu jittieħed bi *encroachment* .

5.4.1.9 Is-Sur Dalli għandu anke jagħmel kuntatt ma' Dr. Peter Fenech biex jinfurmah b'dan il-progress. Is-Sindku qal ukoll li wara li jitħadded fuq dan ma' Dr.Fenech, għandha tittieħed deċiżjoni finali ta ' xser isir meta jerġa jiltaqgħa l-kunsill fil-laqgħa li jmiss.

5.4.2.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li hemm żewġ lapidi fir-raħal tan-nies li mietu fil-gwerra waħda fuq iz-zuntier u oħra fejn il-palazz l-aħmar. Lil dawn in-nies ħadd ma jselmilhom u s-sindku qal li tkun ħaġa ferm sabiħa u fl-obligu tal-kunsill biex jingħataw tislima b'permezz ta' kuruna, imbierka mill-kappillan. Is-Sindku qal li din it-tislima għandha ssir fit-3 ta' Novembru, 2019 wara l-quddiesa tad-disgħa u nofs. Is-sindku ser jistaqsi anke lil każin tal-banda biex ikun preżenti ħalli waqt din it-tislima tindaqq il-*bugle 'The Last Post'*.

5.4.2.2 Il-Kunsill unanimanent qabel rigward dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil kappillan b'dan u ser jiġi ordnati l-ammont ta' kuruni li hemm bżonn.

5.4.2.3 Il-Kunsillier Joseph Zahra, ssuġġerixxa biex dakinhar tingħata ukoll tislima lil dawk kollha li mietu fil-kamra tan-nar. Is-Sindku ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba u nfurmah li n-nies kollha li huma mejtin u għandhom lapida b'isimhom fir-raħal żgur li ser jingħataw tislima.

5.4.3 Is-Sindku ta update fuq PA/02913/19 fi Triq Annibale Preca fejn qal li dan ġie rrifjutat mill-Awtorita tal-ippjanar.

5.4.4.1 Is-Sindku tkellem fuq is-sotto kumitati. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv bgħatet imejl lil kunsilliera kollha biex tara minn huwa interess li jkollu sotto kumitat skond id-delegi li ġew mgħottija.

5.4.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ kunsilliera biss wieġbu għal din l-imejl, il-Viċi Sindku w l-*Minority Leader*. Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia, qal li huwa jixtieq li jkollu sotto kumitat filwaqt li l-*Minority Leader,* Lorraine Farrugia, ma tixtieqx li jkollha sotto kumitat. Hawnhekk is-Sindku reġgħa ndirizza lil kunsilliera kollha biex jikkonfermaw jekk iridux li jkollhom sotto kumitat jew le.

5.4.4.3 Kienu s-Sindku s-Sur Dalli, il-Viċi Sindku s-Sur Mallia u l-Kunsillier is-Sur Cini biss li urew interess li jkollhom sotto kumitat. Fuq bażi ta' din ir-risposta, s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiprepara ċirkulari għan-nies u tinfurmahom b'dan biex b'hekk kull resident li huwa nteress jagħti l-opinjoni tiegħu fuq waħda mid-delegi tal-kunsilliera, jissieħeb fis-sotto kumitat tal-kunsillier ikkonċernat.

## 5.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera ma kienx hemm bil-miktub. Pero kien hemm xi kunsilliera li kellhom xi mistoqsijiet verbalment żgħar u s-Sindku aċċetta li jweġibhom.

5.5.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Cini, għamel rimarka fuq ir-*refreshing* tal-linji li saru fi Triq Tal-Mirakli kantuniera ma' Triq Ħal Bordi. Huwa qal li dawn saru tajjeb ħafna pero xi ħadd ġibidlu l-attenzjoni fuq il-line tan-nofs sħiħ li hemm kif iddur minn Triq Tal-Mirakli għal Triq Ħal Bordi. Dak il-*line* għandu jkun *dotted* għal raġuni li kif qiegħed bħalissa min ġej minn triq Tal-Mirakli suppost għandu jdur bilfors lejn Triq Ħal Bordi u mhux suppost jibqa sejjer dritt minn Triq Tal-Mirakli għal Triq N. Cottoner. Jekk wieħed ikollu aċċident f'din it-triq għax jkun baqa għaddej minn fuq il-*line* l-isħiħ, mal-ewwel jeħel it-tort.

5.5.2.2 Dak il-*line* minn dejjem hekk kien u għalhekk is-Sindku qal li qabel jiġi *dotted* biż-żebgħa sewda, il-Kunsill għandu jiċċekja ma' Transport Malta jekk hemmx xi ħaġa bil-miktub fuq dan u nimxu minn hemm. Il-Kunsill unanimament qabel.

5.5.3.1 Il-Viċi Sindku għamel mistoqsija rigward is-*soft area* fi Triq Robert Mifsud Bonniċi. Huwa riċentament kien irraporta lis-Segretarju Eżekuttiv li s-*soft area* hemm bżonn li titnaddaf mill-ħmieg tal-klieb u l-ħaxix ħażin u xtaq għalhekk ikun jaf jekk din ġietx imnadfa.

5.5.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qaltlu li dak inhar hija kienet ikkuntatjat kemm lil kuntrattur tal-knis biex inaddaf il-ħmieġ tal-klieb u kif ukoll lil kuntrattur tal-ġonna biex jaqta il-ħaxix ħażin li hemm. Il-Kuntrattur tal-knis kien mar dakinhar stess fuq il-post jara x'hemm u l-kuntrattur tal-ġonna kellu jsib ġurnata meta jista jmur jaqta l-ħaxix.

5.5.3.3 Is-Sindku qal li għandu jerġa jsir kuntatt mal-kuntrattur tal-ġonna biex fil-jiem li ġejjien inaddaf is-*soft area* mill-ħaxix ħażin u biex anke jsir żbir.

5.5.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li fi Triq Annibale Preca taħt iz-zuntier tal-knisja tal-Mirakli qed jipparkjaw il-karozzi. Jekk hemmhekk isir *bus shelter* fil-futur, dawn il-karozzi ser joħolqu problema kbira u ma jistax jibqaw jipparkjaw hemmhekk.

5.5.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li alissa ma jistax isir *bus shelter* hemmhekk qabel jiċċaqlaq il-*pole* ftit l-isfel, u rigward il-fatt ta' jekk din mhux xi ħaġa possibli li tista ssir jew le għandna ma nafux. Dan għaliex il-Malta Public Transport għadha ma batitx risposta rigward il-possibilta' tat-talba taċ- ċaqliq ta' dan il-*pole*.

5.5.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li terġa tintbgħat reminder lil Malta Public Transport fuq dan.

5.5.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmek ukoll fuq l-ismijiet tat-toroq fejn irrimarkat li hawn xi toroq fi Ħal Lija bla isem.

5.5.5.2 Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb jara liema huma dawk it-toroq li m'għandhomx isem, kemm hemm b'kollox u nimxu minn hemm.

## 5.6 Korrispondenza

5.6.1 Is-Sindku għamel rimarka fuq korrispondenza nru 1748/19 bl-isem *Erjon Beu & Lija Athletic FC*. Din kienet imejl li l-kunsill irċieva mingħand il-klabb tal-futbol fejn spjegaw li għandhom plejer li ħa medalja ta' *top scorer*. Huma jixtiequ li l-kunsill jagħtih ċertifikat inkonnesjoni ma' dan. Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi ppreparat ċertifikat għal dan il-plejer u għandna nistaqsu eżatt lil klabb tal-futbol rigward x'tip ta' ċertifikat qed jistennew biex dan kif isir umbgħad jiġi ppreżentat mill-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt mal-klabb tal-futbol.

5.6.2 Is-Sindku għamel rimarka oħra fuq korrispondenza nru 1776/19 – Talba għal *one way* fi Triq Annibale Preca, Ħal Lija. Huwa qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder* lis-Sur Cohen rigward il-kwistjoni tal-*one-way* fi Triq Annibale Preca.

5.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Cini għamel domanda fuq 1752/19 rigward approvazjoni biex isir restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu pero ma kienx hemm risposta mingħand id-dipartiment fuq dan.

5.6.4 Is-Sindku tkellem fuq korrispondenza nru 1756/19 *Appeal for Triq tal-Mirakli Development*. Filwaqt li qal li t-*town planner* iddereġitna fuq dan il-PA fi Triq Tal-Mirakli u li sfortunatament għadda, huwa qal li sema b'xi tibdil fil-PA tal-Moulin D'Or fi Triq Robert Mifsud Bonniċi. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tivverifika dan mat-*town planner* u tiddereġina kif suppost.

5.6.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xiex kienet titratta korrispondenza nru 1786/19 *RSSL Workers*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik imejl b'notifika mingħand ir-reġjun ċentru biex tinfurmana li wieħed mill-ħaddiema tar-RSSL, li bħalissa huma assenjati mal-kunsill, ser ikun bil-*leave*. Is-sinjorina Farrugia qalet li hi ma kinetx taf li bħalissa kien hawn il-ħaddiema tar-reġjun u hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv minnufih qalet li hija żgur li nfurmat lil kunsill li kien ser ikun hawn il-ħaddiema ta' RSSL għax-xahar ta' Settembru.

5.6.6 Il-Viċi Sindku xtaqt ikun jaf fuq xiex titratta korrispondenza nru 1861/19 bl-isem *'Permission to organise a christmas market/Bazaar in aid of cambodia children'*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li persuna bgħatet imejl fejn qed titlob permess biex tarma xi mwejjed u tagħmel *christmas market* jew *bazaar* żgħir u mill-flus ta' l-affarijiet li tbiegħ hija ser tagħti *donation* lit-tfal ta' Cambodia. Is-Sindku qal lis-segretarju Eżekuttiv biex nagħmlu kuntatt ma' din il-persuna u nsaqsuha meta għandha ħsieb li tarma dan il-*christmas market* / *bazaar* u fejn.

5.6.7 Il-Viċi Sindku nnota li kien hemm xi korrispondenza fuq kwotazjonijiet għal *dog bins*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif bħalissa qiegħdin fil-proċess li nġibu tlett kwotazjonijiet għal *dog bins*, dan wara li fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, seduta nru 4, ġie approvat it-tweħħil ta' *dog bin* fi Ħalmann.

## 5.7 Pjan ta' Ħidma

5.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda figuri li ġew ippreparati mill-*accountant tal*-kunsill inkonnessjoni mal-pjan ta' ħidma għal perjodu 2020 sa 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li dawn il-figuri ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa tal-pubbliku li għandha ssir fis-26 ta Settembru, 2019.

5.7.2 Is-Sindku spjega kif f'din il-ġimgħa huwa ltaqgħa ma' l-*accountant* flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv biex jippreparaw dan il-pjan ta' ħidma.

5.7.3 Is-Sindku ta spjegazzjoni ċara lil kunsilliera fuq il-fatt ta' x'jinkorpora fih dan il-pjan ta' ħidma. Għal perjodu 2020 sa 2024 is-Sindku spjega li ser jkun hemm dħul totali ta' €1,907,346. Dan l-ammont fih jinkorpora dħul ta' l-allokazzjoni mingħand il-gvern u kif ukoll dħul minn permessi, *bye-laws*, *commissions* minn fuq citazjonijiet u kontribuzjonijiet.

5.7.4 Minn naħa l-oħra s-Sindku spjega kif l-ispejjes huma smati li b'kollox jammontaw għal €2,048,806. Dan l-ammont fih jinkorpora l-pagi ta' l-i*staff* bil-*bonuses*, l-*allowances* tal-kunsilliera, spejjes ta' servizzi mgħottija mingħand il-kuntratturi, spejjes minfuqin fuq manutenzjonijiet, kirjiet, trasport, *stationary*, *professional fees* u ħafna oħrajn. Is-Sindku żied jgħid li huwa qal lil *accountant* biex bħala *capital expenditure* jitniżżel l-ammont ta' €30,000. Din iċ-ċifra għandha tintuża biex biha jsiru proġetti speċjali.

5.7.5 Is-Sindku spjega kif skond dawn il-kalkoli, l-kunsill ser ikollu ammont ta' nefqa akbar mill-ammont tad-dħul. Dan ser jirriżulta fi *deficit* ta' -€141,460 f'ħames snin u ser jagħmel tajjeb mas-*surplus* tal-Kunsill.

5.7.6 Wara din l-ispjegazjoni s-Sindku qal li dawn il-figuri huma kolla estimi u jaf jerġgħu jiġu rreveduti il-quddiem fi Diċembru. Għalhekk huwa żied jenfasizza li dan ir-rapport ta' ħidma għal perjodu 2020-2024, ma jistax jiġi approvat waqt din il-laqgħa u jiġi approvat biss wara l-laqgħa tal-pubbliku.

## 5.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

5.8.1.1 Imejl Modifikazjonijiet fuq is-sistema tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-kunsill
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-medja imejl rigward xi modifkazjonijiet żgħar li hemm bżonn isiru biex titjieb is-sistema tal-*live streaming* tal-laqgħat tal-kunsill. Hija spjegat kif dawn il-modifkazjonijiet ser jammontaw għal €125.00 Ex.Vat. Kompliet tgħid ukoll li apparti dawn il-modifikazjonijiet, il-quddiem din is-sistema ser tiġi updated bi VOD (video on demand).

5.8.1.2 Fuq bażi ta' din l-ispjegazjoni s-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil persuna li bgħatitilna l-imejl u li qed tieħu ħsieb dawn il-modifikazjonijiet biex tgħidilna mil-ewwel kemm ser tkun in-nefqa totali bil-VOD b'kollox. Dan biex il-kunsill ma joqgħodx iħallas ħaġa ħaġa u jaqbad u jħallas ta' dawn il-modifikazjonijiet kollha f'daqqa.

5.8.2.1 Bdil fil-ħinijet ta' l-operat ta' l-uffiċċju għall-pubbliku (8:00am – 3:00pm)
Is-Sindku ressaq talba ta' tibdil fil-ħinijiet tal-uffiċċju għall-pubbliku fix-xitwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qablet mas-Sindku rigward dan u spjegat lil kunsilliera kif bħalissa l-uffiċċju qed jiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa (apparti l-Erbgħa) mis-7:30am sal-4:00pm u l-Erbgħa mit-7:45pm sas-1:30pm u mis-2:30pm sal-5:00pm.

5.8.2.2 Is-Sindku qal li l-uffiċċju tal-kunsill m'għandhux għalfejn ikun miftuħ għal dak l-ammont ta' siegħat kollha u biżżejjed jekk il-pubbliku jkun moqdi mit-8:00am sat-3:00pm (mit-Tnejn sal-Ġimgħa). L-istaff naturalment ser ikunu qed jaħdem mis-7:30am sal-4:00pm. Mill-ħin tas-Sibt mhu ser jinbidel xejn.

5.8.2.3 Il-Kunsill unanimament approva dawn il-ħinijiet il-ġodda tal-operat tal-Kunsill.

5.8.3.1 Kwotazjonijiet għal 2 towers, laptop, 3 kopji tal-liċenzja għas-*software office* 2019
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet tlett kwotazjonijiet għal xiri ta' żewġ t*owers* ġodda, *laptop* u 3 kopji tas-*software* tal-*office* 2019. Hija qalet li l-kunsill qed jopera bi *towers* vera antiki li m'għandhomx sapport tajjeb ta' ċertu *softwares,* wieħed minnhom ta' l-*office*.

5.8.3.2 Il-Kunsill approva biex dawn l-affarijiet jinbidlu billi tintgħażel l-irħas kwotazjoni u s-Sindku enfasizza biex ma jinbidilx kollox f'daqqa u biex l-affarijiet isiru bilmod tul ftit xhur. Ingħatat l-approvazjoni biex l-ewwel jinxtara l-*laptop* bi kopja waħda tas-*software* tal-*office* għas-Segretarju Eżekuttiv.

5.8.4.1 Approvazjoni *Accumulation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda ittra li titratta rigward talba għal tiġdid ta' siegħat tal-*leave* tagħha għas-sena 2019. Hija spjegat kif baqala tnax il-ġurnata *leave* u qed titlob biex dawn jiżdiedu mal-*leave* tas-sena 2020.

5.8.4.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u s-Segretarju Eżekuttiv issa għandha tkompli bil-proċess fejn titlob għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

5.8.5.1 Inizjattiva *Waste reduction week*
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat fakret li l-applikazjonijiet għal waste reduction week bħalissa huma miftuħin. Il-*waste reduction week* għal din is-sena ser issir bejn is-16 u l-24 ta' Novembru, 2019. Hija talbet lil kunsill biex jikkonferma eżattament x'tip ta' attivita jixtieq jorganizza f'dan ir-rigward biex b'hekk tkun tista tissottometti applikazzjoni ma' Wasteserv bid-dettalji kollha.

5.8.5.2 Il-Kunsill wera nteress li ssir aktar minn attivita waħda bi temi differenti. Il-Viċi Sindku, s-Sur Mallia għandu ħsieb biex tiġi organizza attivita ta' sports għat-tfal fejn dawn jieħdu sehem fi logħob sporttiv u kif ukoll edukattiv li għandu x'jaqsam ma' l-ambjent u l-iskart. B'permezz ta' dawn il-logħob huma jitgħalmu kif jagħmlu *reduction* ta' l-iskart u kif ukoll *re-use* ta' ċertu affarijiet minnflokk jintremew. Is-Sindku qal li waqt din l-attivita l-kunsill jista anke jġib xi *mascots*. Il-viċi sindku qal li f'din l-attivita ser jiprova anke jinvolvi lin-*nursery.*

5.8.5.3 Il-Viċi Sindku qal ukoll li tkun ħaġa sabiħa jekk fl-attivita tat-tfal il-kunsill jinvolvi anke lil l-iskola. Il-Kunsill qabel fuq dan u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja ma' l-iskola jekk huma mhux ser jieħdu sehem fil-*waste*

*reduction week.*

5.8.5.4 Is-Sindku qal li attivita oħra li fiha tinkorpora t-tema kemm ta' *reduction* u *re-use* hija l-idea li l-kunsill joħloq bazaar żgħir bl-għajnuna tar-residenti. Is- Sindku ta' l-idea li l-kunsill jakwista ammont ta' mwejjed kbar, biex fuq dawn l-imwejjed dawk ir-residenti li għandhom xi affarijiet li ma jridux u għadhom fi kundizzjoni tajba (bħal ħwejjeġ), ikunu jistgħu jippreżentawhom u jbigħuhom lil ħaddieħor.

5.8.5.5 Il-Viċi Sindku, Daniel Mallia, anke qed jissuġġerixxi li ssir attivita' ta' *clean up* fejn isir tindif estensiv f'xi parti mir-raħal fejn hemm bżonn.

5.8.5.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tissuġerrixi biex anke l-kunsill iġib lil xi persuna professjonali, forsi anke mill-wasteserv stess, biex tagħti *talk* fuq l-ambjent lil pubbliku u tedukah rigward l-importanza tal-indafa. Is-Sindku ma tantx qabel ma' dan is-suġġeriment u qal li hemm ħafna aktar inizjattivi oħrajn li jistgħu jsiru.

5.8.5.7 Is-Sindku anke qal li tista ssir attivita oħra tat-tisjier bil-*left overs* tal-ikel. Il-Kunsill jista jsib *chef* tajjeb li jista jagħti demostrazjoni lin-nies ta' kif dawn jistgħu jużaw *left over food* minnflokk jintrema. Is-sinjorina Lorraine Farrugia ser tgħin biex jinsab *chef* għal din l-attivita.

5.8.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tirreġistra għal din l-inizjattiva ma' wasteserv taħt it-temi *reduction ,re-use, waste recycling* u *clean up*. Il-Kunsill għadu ma ddeċiedix fuq data meta għandhom isiru dawn l-attivitajiet u għandu jerġa jiddiskuti dan kollu l-quddiem fi laqgħa oħra.

5.8.6.1 <u>Approvazzjoni ta' tender document għas-servizz ta' *Contracts manager*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda dokument ta' tender għas-servizz ta' *Contracts manager*. Kopja ta' dan it-tender ġiet mibgħutha lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kunsill ircieva ċirkulari fuq dan is-servizz u kif sa l-aħħar ta' din is-sena kull kunsill lokali rrid ikollu *contracts manager* bilfors.

5.8.6.2 Il-Kunsill approva li jinħareġ dan it-tender u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat id-dokumenti kollha ta' dan it-tender għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

5.8.7.1 <u>Biex jerġa jinħareġ it-tender tal-concrete imprint works fi Triq Preziosi Sqaq nru 2</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li l-kuntrattur li kien ġie *awarded* it-tender tal-*concrete imprint works* fi parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2, Idea Plan Ltd, baqa ma ġabx il-*performance guarantee* kif kien mitlub fit-tender, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ġie ffirmat il-kuntratt.

5.8.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv diġa ċċekjajt mad-dipartiment tal-gvern lokali rigward kif għandha tipproċedi biex tikkanċella din it-tender. Diment li l-kuntrattur kiser waħda mill-kundizzjonijiet mitlubin fil-kundizzjonijiet ġenerali tat-tender, il-kunsill għandu kull dritt li jittermina l-kuntratt li sar.

5.8.7.3 Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt ma' Idea Plan Ltd jiġi kkanċellat b'mod effettiv u biex terġa tinħareġ din l-istess sejħa għal tul ta' ġimgħatejn biss. Il-Kunsill approva li jerġa joħroġ din is-sejħa għal ġimgħatejn u mhux għal xahar minħabba limitu ta' ħin li huwa għandu biex jagħmel użu mill-fondi li akkwista mingħand l-Awtorita tal-ippjanar.

5.8.8.1 <u>Kwotazjoni għal sistema tat-telefon aħjar – bdil ta' PABX</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kwotazjoni rigward bdil tas-sistema tal-PABX tal-kunsill. Hija qalet li hemm bżonn immedjatament li din is-sistema tal-PABX tinbidel għal waħda aħjar u li tkun iprogrammata li tirrekordja t-telefonati. Din l-ispiża ser tammonta għal €590 Ex. Vat.

5.8.8.2 Il-Kunsill bħalissa għandu żewġ linji tat-telefown imqabdin ma' *reciever* wieħed. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din il-biċċa tax-xogħol ma tagħmilx sens għax ma jistax ikollok żewġ telefonati li jidħlu f'daqqa fuq *reciever* wieħed.

5.8.8.3 Il-Kunsill unanimament approva din il-kwotazjoni għal sistema ta' PABX aħjar.

5.8.9.1 <u>Skema AKL fondi ta' LES – konferma tal-applikazzjoni</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet fuq l-applikazzjoni maħruġa minn AKL relatata ma' fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali, ffinanzjati mill-Aġenzija Lesa. Hija xtaqet konferma eżatta mingħand il-kunsill rigward il-kategorija li huwa nteressat jagħżel mill-lista tal-kategorija proposti eliġibbli.

5.8.9.2 Hija reġgħat fakret li l-kunsill ta' Ħal Lija u ntitolat għal fond ta' €3,085.96 u kif fl-aħħar laqgħa tal-kunsill kien

ġie deċis biex jinbidlu xi fanali fir-raħal u jsiru simili għal dawk li hemm fil-lokalita' ta' Ħal Balzan. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija ċċekjat mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan bejn wieħed u ieħor kemm jiswa kull fanal. Bl-ammont ta' fondi li huwa ntitolat għalihom l-kunsill l-aktar li jista jbiddel huwa massimu ta' tlett fanali biss.

5.8.9.3 Fuq bażi ta' din l-informazzjoni l-kunsill unanimament iddeċieda li għandha ssir applikazzjoni relatata mal-kategorija *'Street lighting',* fejn il-kunsill jagħmel titjieb inġenarali tal-bozoz eżistenti li hemm fir-raħal għal bozoz ġodda li juru aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tissottometti applikazzjoni għal dan il-fond skond kif ġie deċiż.

5.8.9.4 F'dan ir-rigward il-kunsill għandu jaħdem ukoll biex iġib kwotazjoni ta' bozoz/fanali tajbin mingħand diversi ħwienet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa diment li ġie *awarded* it-tender tad-dawl ma nistgħux nġibu kwotazjonijiet mingħand ħadd aktar ħlief mingħand il-kuntrattur li ħa t-tender. Huwa propju għal din ir-raġuni li sar dan it-tender. L-ewwel preferenza żgur li trid tingħata lil kuntrattur tal-kunsill.

5.8.9.5 Hawnhekk sindku qal li xorta l-kunsill missu jġib kwotazjonijiet ukoll mingħand kuntratturi u ħwienet oħrajn apparti mill-kuntrattur tal-kunsill.

5.8.9.6 Il-Kunsillier is-Sur Zahra qal li huwa jaf bi ħanut Taljan li għandu fanali/bozoz tajbin, sbieħ u kif ukoll irħas. Huwa nfatti għadda d-dettalji neċessarji lis-Segretarju Eżekuttiv u hija għandha tagħmel kuntatt ma' dan il-ħanut biex tara x'fanali/bozoz għandu *in-stock* bħalissa, addattati għal kunsill.

5.8.10.1 <u>Approvazzjoni biex it-*tender* tal-knis eżistenti tiġi estiza</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kollu li dakinhar, 19 ta' settembru, 2019, skada *t-tender* eżistenti tas-servizz tat-tindif u knis. Hija kompliet tgħid li tender ieħor għal dan is-servizz ħareġ u għandu jidher fuq is-sistema sas-7 ta' Ottubru, 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif mid-19 ta' Settembru sakemm jiġi evalwat u *awarded* it-tender il-ġdid tal-knis, il-kunsill irid jara x'se jagħmel għax inkella ser jispicca mingħajr knis fir-raħal.

5.8.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ħasbet ferm minn qabel biex jinħareġ *tender* ġdid għal dan is-servizz. Pero minħabba dewmien kemm minn naħa tad-dipartiment tal-Gvern Lokali u mid-dipartiment tal-kuntratti, dan it-*tender* spiċċa ma nħarigx fil-ħin kif kien ippjanat.

5.8.10.3 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li għandu jagħmel estenzjoni ta' tlett xhur, sa l-aħħar ta' Diċembru, tal-servizz tal-knis mal-kuntrattur eżistenti li huwa għandu. B'hekk jekk jfettilu l-kunsill jkollu appel fuq it-tender il-ġdid almenu jkun kopert u moħħu mistrieħ li għandu servizz tal-knis fir-raħal.

5.8.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa ċċekjat mad-dipartiment rigward il-fatt jekk tistax issir estenzjoni tal-kuntratt eżistenti u dai mhux xi ħaġa li hija aċċettabli ssir. Il-Kunsill suppost li jista jagħmel huwa li jġib tlett kwotazjoni tas-servizz mitlub u japprova l-irħas waħda bi *direct order*. Pero l-kunsill ma rax kif din hija xi ħaġa li tagħmel sens u mhux viabli li jinġabu tlett kwotazjonijiet u għal tlett xhur trid toqgħod b'xi ħadd ġdid li lanqas biss għandu idea tat-toroq u meta suppost dawn għandhom jinkinsu. Il-Kunsill m'għandux problemi mal-kuntrattur eżistenti u dan diġa familjari mar-raħal u huwa għalhekk li l-kunsill irid li ssir estenzjoni għal tlett xhur miegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.8.10.5 Fuq bażi tad-deċizjoni li ttieħdet mill-kunsill fuq dan ir-rigward, is-Segretarju Eżekuttiv ser tipproċedi billi tibgħat bil-miktub lil kuntrattur eżistenti u titolbu biex jagħmel estenzjoni tas-servizz lil kunsill.

5.8.11.1 <u>Data għal tender Evaluations</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li daqt ser jagħlqu s-*submissions* għat-tenders tas-servizz tal-perit, tat-tabelli u sinjali u kif ukoll tas-servizz tal-knis. It-tenders għas-servizz tal-perit u tat-tabelli u sinjali jagħlqu fis-27 ta' Settembru u tas-servizz tal-knis fis-7 ta' Ottubru. Għalhekk hemm bżonn li tinstab ġurnata biex dawn it-tenders jiġu evalwati u anke biex ikun hemm approvazzjoni tal-ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni.

5.8.11.2 Is-Sindku qal li wieħed mill-evalwaturi għat-tender tas-servizz tal-perit l-aħjar li jkun perit. Huwa jaf bi perit tajjeb u nnomina lilu bħala wieħed mill-evalwaturi għal din it-tender. Is-Sindku għandu jgħaddi d-dettalji ta' dan il-perit lis-Segretarju Eżekuttiv biex hija tagħmel kuntatt miegħu. Is-Sindku nnomina ukoll lis-Sur Kenneth Brincat.

5.8.11.3 Kull ma għadt baqa li tinstab persuna oħra. Is-Sindku qal li huwa ser jieħu l-irwol ta' *chairperson* waqt dawn l-evalwazzjonijiet u spjega kif il-kunsilliera jistgħu jkunu *observors* biss f'dan il-proċess.

5.8.11.4 Il-Kunsill kollu unanimament qabel rigward dan u kif ikun hemm qbil fuq data mal-evalwaturi kolla rigward

meta ser issir l-evalwazjoni, il-kunsilliera għandhom ikunu nfurmati.

5.8.12.1 Rimi ta' oġġetti mniżla fl-inventarju li ma jaħdmux

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sa fl-aħħar l-inventarju tal-kunsill ġie ffinalizzat u hija poġġiet kopja ta' dan l-inventarju fuq il-mejda. Infatti hija qed titlob l-approvazjoni tal-kunsill biex jintremew diversi oġġetti li hemm mniżlin fuq il-lista li m'għadhomx tajbin u bla użu għal kunsill.

5.8.12.2 Il-Kunsill unanimament approva li minnufih jintremew l-oġġetti li ġew msemmija.

5.8.13.1 Approvazzjoni għal kwotazzjoni ta' uniformijiet ġodda

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kwotazjoni ta' xiri ta' uniformi ġdida għall-iskrivani tal-kunsill. Hija qalet li wasal iż-żmien fejn l-iskrivani jingħataw uniformi ġdida dan għaliex dik li għandhom eżistenti tilfet il-kulur u biż-żmien iterriet.

5.8.13.2 Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni ta' uniformi ġdida għall-iskrivani.

5.8.14.1 *Speed limit markings* fi Triq Sant Andrija u Vjal it-Trasfigurazzjoni

Is-Sindku ressaq talba li rċieva mingħand resident li joqgħod fi Vjal it-Trasfigurazzjoni biex isiru 4 *speed limit markings* ma' l-art ta' 30. Żewg *speed limit markings* għandhom isiru n-naħa ta' isfel minn fejn tista kemm tidħol u toħroġ minn Ħal Lija u l-istess tnejn oħra aktar il-fuq qabel it-torri Belvedere, qabel ma tasal għal pjazza.

5.8.14.2 Fuq l-istess argument is-Sindku ressaq talba biex isiru 3 *speed limit markings* ma' l-art fi Triq Sant Andrija ta' 20.

5.8.14.3 Il-Kunsill kollu unanimament qabel rigward l-implimentazzjoni ta' dawn l-*ispeed markings* fiż-żewġ toroq.

5.8.15.1 Bankina fi Triq il-Mitħna u *line* isfar fi Limiti ta' Seguna

Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq ritratt ta' bankina fi Triq il-Mitħna fejn qalet li din il-bankina vera qiegħda fi stat diżastrus u hemm bżonn titranġa.

5.8.15.2 Is-Sindku nfurmaha li din mhux xi ħaġa li ser issir issa u ser titniżżel mal-lista tax-xogħlijiet li ser isiru bilmod il-mod.

5.8.15.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet ukoll fuq *line* isfar fi Limiti ta' Seguna li sar minn xi ħadd li joqgħod hemmhekk illegalment. Hija qalet li m'għandix oġġezjoni li sar dan il-*line* pero sar mingħajr il-permess tal-kunsill.

5.8.15.4 Rigward dan il-*line* l-isfar , is-Sindku għandu jmur fuq il-post jara x'hemm eżatt.

5.8.16.1 Talba għal disabled parking fi Triq il-Forn jew Triq Mikielanġ Borg

Sinjura tixtieq tagħmel talba lill-Kunsill Lokali biex isir parkeġġ għal persuni b'diżabilita' jew fi Triq il-Forn ħdejn il-Kappella ta' Sant'Andrija jew inkella fi Triq Mikielang Borg għaliex hi għandha blue sticker.

5.8.16.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex din is-sinjura tiġi nfurmata li s-sindku jrid jiltaqgħa magħha ħalli jara għalfejn eżatti trid li jiġi mplementat dan il-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel dan.

5.8.17.1 Ilment fuq Triq Sir Ugo Mifsud

Sinjura tixtieq tagħmel ilment rigward it-triq fejn toqgħod, Triq Sir Ugo Mifsud, dan għaliex din it-triq hija kollha xquq u meta tagħmel ix-xita qed jidħol l-ilma ta' xita fid-dar tagħha u hi għandha żewġ kmamar taħt l-art li kull darba ssibhom imxarbin.

5.8.17.2 Is-Sindku qal li dan l-ilment ser jitħadded fuqu mal-perit u nfatti għandu jiżdied mal-kumplament tal-affarijiet li ġei jara il-perit *on site* fis -26 ta' Settembru. Ir-Residenta għandna tkun infurmata.

5.8.18.1 Talba mresqa mill-Kunsillier Cini fuq zebra crossing fi Triq Robert Mifsud Bonniċi

Il-Kunsillier is-Sur Cini ressaq talba lil kunsill biex issir *zebra crossing* fi Triq Robert Mifsud Bonniċi.

5.8.18.2 Is-Sindku spjega kif minħabba ċertu simetrija tat-triq ma tistax issir *zebra crossing* waħda u f'dik l-akwata bilfors iridu jsiru tlieta, inkonnessjoni ma' xulxin. Biex issir *zebra crossing* fi Triq Robert Mifsud Bonniċi trid issir waħda fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u oħra fi Triq Fernand Gregh.

5.8.18.3 Fuq din it-talba l-kunsill irid jaħsiba sew dan għaliex apparti li mplementazzjoni ta' *zebra crossing* tiswa il-flus ser jitnaqqas ammont ta'parkeġġ. Dawn it-tlett *zebra crossings* ser jitniżlu mal-lista tax-xogħlijiet pendenti li ser isiru bilmod il-mod u l-kunsill qabel li l-ewwel tiġi mplementata z-*zebra crossing* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

5.8.19.1 <u>Talba double yellow lines fi Triq Sant Andrija</u>

Sinjur li joqgħod fi Triq Sant'Andrija qiegħed jitlob lill-Kunsill Lokali biex isir *one meter double yellow line* fuq naħa waħda mill-garaxx tiegħu lejn il-bieb ta' dar tiegħu.

5.8.19.2 Is-Sindku għandu jerġa jiltaqgħa ma' dan ir-resident fuq din it-talba.

**Il-Ħin bħalissa kien eżatt is-7:00pm, fejn il-Kunsillier is-sur Zahra kien skużat biex jitlaq qabel.**

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

5.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-iskedi ta' pagamenti numri 10/19A u 10/19B li sekda nru 10/19A kienet tinkludi l-ammont tal- Petty *Cash* ta' €46.25 għax-xahar ta' Awwissu.

5.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kollha kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienu ssekondati mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha.

## 5.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

5.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-*town planner* infurmat li PAs ġodda alarmanti ma kienx hemm għal din il-ġimgħa. Li hemm daqsxejn inkwetanti huwa PC00041/19 li jitratta fuq "*change of zoning from residential priority areas CG08 (villas) to Residential Area CG07 (terraced/flatted development)*' fuq La Fontana 28, Triq Giovanni Barbara kantuniera ma Triq Pawlu Galea.

5.10.2 Rigward dan il-PC il-kunsill għandu ċans jissottometti oġġezjoni sad-9 ta' Ottubru, 2019 u l-kunsill unanimament approva li għandna ngħidu lit-*town planner* biex tiprepara *review* fuq dan.

5.10.3 Lit-*Town planner* ukoll ser ngħidulha biex tiċċekja jekk hemmx xi bdil fuq il-permess tal-Moulin D'or.

## 5.11 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

5.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li din is-sejħa kienet ġiet iċċirkulata mal-kunsilli lokali u kumitati reġjonali kollha u ma kien hemm l-ebda applikazzjoni.

5.11.2 Hija żiedet tgħid li kompliet bil-proċess billi infurmat lil Jobs Plus b'dan u qed tistenna mingħandhom biex jiċċirkulaw din is-sejħa fuq il-*website* tagħhom u kif ukoll jibgħatu il-lista ta nies eliġibli li qed jirreġistraw fuq part 3C1.

5.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qed tittama biex din il-lista tintbgħat malajr kemm jista jkun u ħalli tkun tista titkompla l-proċedura.

## 5.12 Attivitajiet tal-Milied għas-sena 2019

5.12.1 Bħala attivitajiet għas-sena tal-Milied 2019, is-Sindku qal li qed jiprova jġib armar tajjeb u sabiħ għall-pjazza. Huwa qed jistinka biex dan l-armar iġibu b'xejn pero ma hemm xejn garantit. Is-Sur Dalli kompla jgħid li jekk il-persuna ma' min qed jiprova jġib dan l-armar b'xejn taqdih, għandu jsirilha riklam xieraq.

5.12.2 Is-Sindku qed jissuġġerixxi ukoll li ssir bibita tal-Kunsill fis-sala tal-kappillan fejn jiġu mistiedna ex kunsilliera, ex segretarji eżekuttivi, ex sindki, l-għaqdiet u l-presidenti etc.

5.12.3 Is-Sur Dalli qal li tkun ħaġa sabiħa jekk il-kunsill jagħmel ħarġa tal-Milied għall-anzjani.

5.12.4 Attivita oħra li tista ssir hija dik tat-tqassim tar-rigali bil-*carriage* u l-*father christmas.* Is-Sindku qal li din l-attivita talbuh biex jibdew jagħmluha l-kumitat festi esterni. Huwa indirizza lis-sinjorina Farrugia peress li fi kunsill ieħor kienet tieħu ħsiebha hi din l-attivita, fejn qalla li jekk trid hija tista tieħu sehem u tilbes ta' *mother*

*christmas*. Is-Sinjorina Farrugia aċċettat li jsir dan.

5.12.5 Is-Sindku żied jgħid ukoll li skond ċirkulari maħruġa mid-dipartiment tal-gvern lokali l-kunsill jista jagħmel ikla bejn il-kunsilliera kollha, staff u ħaddiema.

5.12.6 Is-Sindku qal ukoll li l-kappillan aktarx ser jagħmel xi attivita b'xi *choir* pero dan għadt irid jivverifikah u anke kompla jissuġġerixxi biex forsi ssir wirja tal-presepji fil-Mitħna.

## 5.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.13.1 Qabel ma intemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

5.13.2 Il-Kunsillier is-sur Calcedonio Cini tkellem fuq it-tabella li riċentament tweħlet fi Triq Carmelo Farrugia. Huwa kien preżenti mal-kuntrattur tat-tabelli u sinjali meta tweħlet din it-tabella u fl-opinjoni tiegħu din tweħlet fi post tajjeb u addattat. Is-Sindku għandu imur *on-site* fuq dan jiċċekja.

5.13.3 Il-laqgħa ntemmet fis-7:20pm.

5.13.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 10 ta' Ottubru, 2019.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |